KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

| GĦALL-UŻU TAL-UFFIĊĊJU BISS: | |
|---|---|
| Data tal-Applikazzjoni:<br><br>_____ /_____ / 2026 | Numru ta' Referenza tal-Applikazzjoni:<br><br>ARD____ /26/______ |

# L-ISKEMA GĦAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP ARTISTIKU

## FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI

Isem L-Applikant ___________________________

Titlu tal-Applikazzjoni __________________________

Data u ħin ta' sottomissjoni tal-Applikazzjoni ________________________

Ammont Totali mitlub
(L-Ammont massimu li jista' jintalab minn dan il-Fond huwa ta' Ewro 15,000. L-Applikanti jistgħu jitolbu sa 80% mill-ispejjeż tal-proġett)

Numru ta' Referenza _______________________________

---

## 1. DETTALJI ĠENERALI

1.1 Tip ta' proġett ____________________________________________

Skadenza: is-17 ta' Marzu 2026 f'nofsinhar

1.2 Attività Primarja ___________________________________________

1.3 Attività Sekondarja ___________________________________________

1.4 Deskrizzjoni tal-Proġett

| |
|---|
| Agħti deskrizzjoni tal-proġett |

1.5 Deskrizzjoni fil-Qosor tal-Proġett

| |
|---|
| Ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett f'mhux aktar minn 150 kelma. F'każ li l-proposta tiġi ffinanzjata, din id-deskrizzjoni tittellgħa fuq artscouncil.mt. |

1.6 Qatt ibbenefikajt minn fondi pubbliċi fil-passat?

☐ Iva ☐ Le

1.7 F'każ li iva, jekk jogħġbok speċifika l-isem/l-ismijiet u d-dati tal-fondi pubbliċi li ngħataw matul l-aħħar tliet snin.

| |
|---|
| |

Dokumenti addizzjonali

+ Żid id-Dokumenti



TEMPLATE

## 2. SKEDA TA' ŻMIEN

2.1 Ipprovdi dettalji relatati mal-istadji ewlenin u mal-iskedi ta' żmien tal-proposta. Din l-informazzjoni għandha tinkludi attivitajiet ta' vjaġġar u taħriġ.

Data tal-bidu tal-proġett ____/____ /____ (Skeda ta' Żmien Eliġibbli -
Data tal-għeluq tal-proġett ___/____ /_____ 07/05/2026 - 07/11/2027)

| |
|---|
| Pass 1: ________________________<br><br>Minn: _____/____/____ sa ____/____/_____<br><br>Deskrizzjoni: |
| Pass 2: ________________________<br><br>Minn: ____/____/____ sa _____/____/_____<br><br>Deskrizzjoni: |
| (Żid il-passi kif meħtieġ) |

Dokumenti addizzjonali:
+ Żid-id-Dokumenti

TEMPLATE

## 3. Profili

CV Daħħal is-*CV* tal-applikant

| | | |
|---|---|---|
| Profil 1 | Isem | ___________________________________________ |
| | Rwol | ___________________________________________ |
| | Bijografija | ___________________________________________ |
| | CV | Daħħal is-*CV* tal-Profil 1 |

+ Żid il-Profili kif meħtieġ

Dokumentazzjoni Mandatorja:
+ Żid Ċertifikat ta' Reputazzjoni Tajba tar-Reġistrazzjoni (jekk applikabbli)

Dokumentazzjoni Addizzjonali:
+ Żid id-dokumenti

TEMPLATE

# 4. Kriterji

## Kriterju 1: Il-kunċett (40 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-idea(t) tal-kunċett tal-proposta, ir-rilevanza tal-kollaboraturi involuti, u l-valur miżjud miksub mill-benefiċjarju, il-kollaboraturi u l-parteċipanti. Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 500 kelma:

a. X'inhi l-mistoqsija ewlenija tar-riċerka tiegħek? X'inhuma l-miri tiegħek? X'valur se żżid ir-riċerka mal-prattika kreattiva attwali tiegħek? Barra minn hekk, kif se tikkontribwixxi biex il-komunità tkun impenjata jew indirizzata permezz tal-proġett? Jekk jogħġbok esprimi l-viżjoni tiegħek, l-għanijiet tal-proġett ta' riċerka, l-eżiti antiċipati tiegħu u l-ħidma bażika li għamilt biex tiżviluppa l-kunċett. (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1 tal-Linji Gwida u Regolamenti) (20 marka)
b. B'liema modi l-proġett ta' riċerka propost huwa innovattiv? L-għotja kif se tgħinek tesperimenta u tterraq lil hinn mill-konfini diġà stabbilti permezz tax-xogħol propost u l-kollaborazzjonijiet involuti? (10 marki)
c. Għaliex dan il-proġett ta' riċerka huwa importanti għall-iżvilupp artistiku tiegħek u, għal dak tal-kollaboraturi tiegħek? Kif se jgħinek tikber u tiffaċċja kwalunkwe sfidi li stajt identifikajt f'dan l-istadju fl-iżvilupp kreattiv tiegħek? Jekk jogħġbok ipprovdi t-trackrecord u/jew il-portafoll tiegħek, kif ukoll dak tal-kollaboraturi tiegħek, sabiex tispjega kif dan il-proġett se jgħin fl-iżvilupp tiegħek u tal-kollaboraturi involuti. (5 marki)
d. X'inhuma l-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta? (5 marki)

Dokumentazzjoni Mandatorja:
+ Materjal awdjoviżiv/portafoll li juri x-xogħol tal-applikant, b'relevanza għall-proposta
Materjal awdjoviżiv sa 5MB jista' jittella' direttament fil-formula tal-applikazzjoni. Fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti bħala link (fejn applikabbli)
+ Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta
+ Żid id-dokumenti

## Kriterju 2: Il-ġestjoni tal-proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta' impenn u tħejjija qabel it-tressiq ta' din il-proposta, kif ukoll il-pjan propost biex twassal u tikseb l-għanijiet u l-miri tagħha. Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

a. Agħti pjan ċar tal-metodoloġija tar-riċerka li se tadotta. Agħti l-bażi loġika tal-metodoloġija magħżula minnek. Inkludi l-iskedi taż-żmien, il-pjan ta' ħidma mal-kollaboraturi involuti u pjan gradwali dwar kif se tiżviluppa l-proġett tar-riċerka. (10 marki)
b. Jekk jogħġbok identifika kwalunkwe riskju u limitazzjoni li l-proġett ta' riċerka tiegħek jista' jiffaċċja biex jilħaq il-miri tiegħu. (10 marki)

Dokumentazzjoni Mandatorja:
+ Ittri ta' aċċettazzjoni mill-istituzzjonijiet, il-pjattaformi jew il-postijiet rilevanti (fejn applikabbli)
+ Ittri ta' intenzjoni ffirmati mill-kollaboraturi
+ Żid id-dokumenti

## Kriterju 3: L-involviment tal-udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u ġodda, kif ukoll il-pjanijiet ta' disseminazzjoni għall-proġett ta' riċerka. L-impenn jirreferi għan-natura tal-involviment u l-esperjenza offruti lill-udjenza. Id-disseminazzjoni tirreferi għall-metodi adottati mill-applikant biex ixandar ir-riżultati tal-proġett. Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

a. Liema udjenzi jew komunitajiet se jimmira dan il-proġett, u għalfejn? Il-proġett kif se jilħaqhom? Il-proġett jadotta approċċ parteċipattiv li jagħti lok għad-diversità u l-inklużjoni? (10 marki)
b. Il-proġett kif se jiddokumenta l-proċess tiegħu għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni jew tas-sejbiet? Kemm se jkunu sostenibbli u aċċessibbli l-kanali ta' tixrid użati? (5 marki)
c. Għal liema wirt qed jimmira l-proġett? (5 marki)

Dokumentazzjoni Addizzjonali:
+ Żid id-dokumenti

## 4.4 Kriterju 4: Il-baġit (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra kemm il-pjan baġitarju ppreżentat huwa ppjanat b'mod tajjeb u realistiku. Biex tippreżenta każ aħjar f'termini ta' dan il-kriterju, jeħtieġ tipprovdi stimi biex tissostanzja l-baġit (jekk jogħġbok irreferi għall-mudell tal-baġit hawn taħt). Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

a. Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament mal-proġett propost. Inti mitlub tispjega r-raġunament wara l-ispejjeż tal-proġett (10 marki)
b. Spjega r-raġunament wara l-ispejjeż tal-proġett (5 marki)
c. Ipprovdi kwotazzjonijiet biex tappoġġja l-baġit tiegħek. (5 marki)

| |
|---|
| |

| |
|---|
| Dokumentazzjoni Addizzjonali:<br>+ Żid id-dokumenti |

TEMPLATE

## 5. Baġit

5.1 Żid iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-VAT
+ Żid id-dokument

Żid dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwent f'Malta
+Żid id-dokument

5.2 Immarka fejn applikabbli

- ☐ Reġistrat taħt Artiklu 10*
- ☐ Reġistrat taħt Artiklu 11 (Eżentat)
- ☐ Mhux reġistrat għall-VAT

*Applikanti reġistrati taħt Artiklu 10 li jirkupaw il-VAT għandhom jeskludu L-VAT rekuperabbli minn dan il-baġit

☐ Hawn niddikjara li skont l-għarfien tiegħi, qed isiru dikjarazzjonijiet korretti lill-Kunsill Malti għall-Arti, u li qed jiġi ddikkjarat l-istat korrett tal-VAT. F'każ ta' dikjarazzjoni falza, nerfa' r-responsabbiltà sħiħa għal kull konsegwenza applikabbli.

5.3 Niżżel il-Formola *De Minimis* permezz tal-ħolqa hawn taħt, imliha u iffirmaha.
[Agħfas biex tniżżel il-formola]
Għal mistoqsijiet dwar in-*NACE Code* tiegħek żur: https://nso.gov.mt/nsos-business-register/

+ Żid il-formola *De Minimis* mimlija u ffirmata.

5.4 Spejjeż — Tariffi relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-proġett
Tariffi artistiċi
+ Żid spejjeż oħra

Dħul — Ammont totali mitlub mill-fond
+ Żid Sorsi oħra ta' dħul

Ehmeż il-Kwotazzjonijiet jekk disponibbli

TEMPLATE